MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2011

Numru 47/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Versus**

**Joseph sive Josef Grech ta' 38 sena**
**Iben Victor u Agnes nee Dimech,**
**Imwieled il-Pieta' fis-17 ta' Novembru**
**1971 (0522771(M))**

Il-Qorti

Rat l-att tal-akkuża ppreżentat mill-Avukat Ġenerali li jgħid hekk:

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Frar 2004, ġewwa Ta' Qali, il-pulizija eżekuttiva innutat vann abjad ipparkjat u li kien ilu hemm għal ammont ta' ħin. Meta marru jispezzjonawh

sabu li kien hemm persuna mejta ġo fih b'sinjali ta tiri ta' arma tan-nar. Mill-istħarriġ preliminari mal-ewwel irriżulta li l-persuna misjuba mejta hija Patricia Attard u mill-evidenza forensika nstab li dan id-delitt seħħ minn Joseph sive Josef Grech.

Irriżulta illi Joseph sive Josef Grech kien ilu li fforma l-ħsieb doluż u illegali tiegħu li joqtol lill-istess Patricia Attard jew li jqiegħdilha l-ħajja tagħha f'perikolu ċar għal numru konsiderevoli ta' jiem qabel, tant li kien avviċina numru ta' persuni sabiex jassistuħ fl-eżekuzzjoni ta' dan il-ħsieb. Iżda meta beda jara li ħadd mill-persuni li avviċina ma ried li jkollu x'jaqsam ma din l-intenzjoni doluża ta' Joseph sive Josef Grech hu qabad u ħa r-riedni f'idejħ, billi dolożament, bil-ħsieb li joqol lil Patricia Attard jew li jqiegħdilha l-ħajja tagħha f'perikolu ċar spara tiri ta' arma tan-nar lejn l-istess Patricia Attard u fil-fatt ikkaġunalha l-mewt. Wara dan hu telaq minn fuq il-post u ħalla l-kadavru ta' Patricia Attard fil-vann fejn kien ipparkjat.

Illi b'għemilu l-imsemmi Joseph sive Josef Grech sar ħati ta' omiċidju volontarju u ċioe` talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew bil-ħsieb li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dana l-ħsieb b'atti esterni u kkaġunalha l-mewt.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Joseph sive Josef Grech ħati ta' omiċidju volontarju u ċioe` talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew bil-ħsieb li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dana l-ħsieb b'atti esterni u kkaġunalha l-mewt; talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 211 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta illi fiż-żmien u taħt l-istess ċirkostanzi msemmija fl-ewwel Kap ta' dan l-Att ta' Akkuża, u ċioe` fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Frar 2004,

ġewwa Ta’ Qali, waqt li Joseph sive Josef Grech kien qed jikkommetti l-omiċidju volontarju ta’ Patricia Attard hu kellu fil-pussess tiegħu arma regolari u ċioe` arma tan-nar.

Illi b’għemilu, l-imsemmi Joseph sive Josef Grech sar ħati talli fil-ħin li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna, u ċioe` omiċidju volontarju fuq il-persuna ta’ Patricia Attard kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari u ma kienx qiegħed iġorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari għal xi għan leġittimu.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lil , l-imsemmi Joseph sive Josef Grech ħati talli fil-ħin li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna, u ċioe` omiċidju volontarju fuq il-persuna ta’ Patricia Attard kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari u ma kienx qiegħed iġorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari għal xi għan leġittimu; talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għall-piena ta’ priġunerija għal żmien ta’ mhux iżjed minn sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 26 u 27 tal-Kap. 66 tal-Liġijiet ta’ Malta, jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

3) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiż-żmien u taħt l-istess ċirkostanzi msemmija fl-ewwel Kap ta’ dan l-Att ta’ Akkuża, u ċioe` fil-lejl ta’ bejn it-13 u l-14 ta’ Frar 2004, ġewwa Ta’ Qali, Joseph sive Josef Grech kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar u/jew munizzjon mingħajr ma’ kien fil-pussess ta’ liċenzja valida tal-Kummissarju tal-Pulizija għal dan l-għan.

Illi b’għemilu, l-imsemmi Joseph sive Josef Grech sar ħati talli mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew kellu f’idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jagħmel miegħu, u ma kienx hemm il-bżonn attwali tad-difiża leġittima tiegħu nnifsu jew ta’ ħaddieħor.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi akkuża lil Joseph sive Josef Grech ħati talli mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jagħmel miegħu, u ma kienx hemm il-bżonn attwali tad-difiża leġittima tiegħu nnifsu jew ta' ħaddieħor; talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' minn xahrejn sa sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 3(1A) tal-Kap. 66 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

4) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` kap illi fil-jiem ta' qabel il-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Frar 2004, Joseph sive Josef Grech, bil-ħsieb doluż u illegali tiegħu li joqtol lill-istess Patricia Attard jew li jqiegħdilha l-ħajja tagħha f'perikolu ċar kien avviċina numru ta' persuni sabiex iwettqu l-omiċidju volontarju ta' Patricia Attard.

Illi Joseph sive Josef Grech ftiehem ma' terzi persuni sabiex bil-ħsieb doluż u illegali tiegħu li joqtol lill-istess Patricia Attard jew li jqiegħdilha l-ħajja tagħha f'perikolu ċar. Il-ftehim ikkumbinat bejniethom kien illi kellhom jitilgħu, flimkien ma' Patricia Attard, l-Aħrax tal-Mellieħa u hemmhekk, it-terza persuna kellha tibqa' tistenna ħdejn il-vettura li telgħu biha filwaqt li Joseph sive Josef Grech jitfa' lill-istess Patricia Attard minn fuq l-Irdum ta' l-Aħrax tal-Mellieħa għal isfel. Fortunatament, il-ftehim ikkombinat bejniethom ma seħħx minħabba li Patricia Attard ma resqitx viċin ix-xifer ta' l-Irdum u b'hekk, fortunatament, għal dak inhar irnexxielha tevita l-mewt tagħha stess.

Illi b'għemilu, l-imsemmi Joseph sive Josef Grech sar ħati talli assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma jkunx delitt taħt l-Att

dwar l-Istampa u ċioe` li bil-ħsieb li joqtol persuna jew bil-ħsieb li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dana l-ħsieb b'atti esterni u kkaġunalha l-mewt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tal-ħati;

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi akkuża lil l-imsemmi Joseph sive Josef Grech ħati talli assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma jkunx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa u ċioe` li bil-ħsieb li joqtol persuna jew bil-ħsieb li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dana l-ħsieb b'atti esterni u kkaġunalha l-mewt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tal-ħati; talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' minn seba' snin sa għoxrin sena skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 48A, 221 u 41 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat li fiż-żmien previst mill-artikolu 438(2) tal-Kap 9 l-akkużat ta avviż ta' erba' eċċezzjonijiet immarkati A, B, Ċ u D rispettivament.

Rat li permezz ta' Nota datata 5 ta' Frar 2010, l-akkużat kien irtira ż-żewġ eċċezzjonijiet immarkati (B) u (Ċ) rispettivament.

Isegwi li l-uniċi żewġ eċċezzjonijiet li fadal huma dawk immarkati (A) u (D).

Rat il-verbal tal-5 ta' Frar 2010 fejn Dr Leonard Caruana kien ingħata żmien sabiex jippreżenta Nota b'risposta għall-eċċezzjoni D li kienet ippreżentata fil-11 ta' Marzu 2010.

Rat il-verbal tas-6 t'Awwissu 2010 fejn ik-kawża tħalliet għas-smigħ minn ġudikant divers minn dak li kien jisma' l-kawża;

Rat il-verbal tal-11 ta' Jannar 2011 fejn iż-żewġ partijiet ingħataw il-fakulta' li jippreżentaw noti.

Rat in-Nota tal-akkużat ippreżentata fl-1 t'April 2011.

Rat ukoll in-Nota responsiva tal-Avukat Ġenerali tat-2 ta' Mejju 2011.

Ikkonsidrat

**L-Eċċezzjoni Immarkata (A)**

Li fl-eċċezzjoni mmarkata bl-ittra A, l-akkużat jissottometti li r-aba' kap tal-Att tal-Akkuża huwa monk stante li l-elementi kostituttivi ta' delitt de quo ma humiex imsemmija skont il-Liġi u lanqas ma nġabu 'l quddiem la fil-parti anrrativa wisq anqas fil-parti akkużatorja tal-Kap 4, il-provi in sostenn ta' dan il-Kap, b'mod partikolari t-terzi eprsuni allegatament involuti. Għalhekk l-akkużat mhux f'pożizzjoni li jiddefendi lilu nnifsu minn dan il-Kap tal-Att tal-Akkuża. Il-fatt li t-erzi mhumiex identifikati joħloq għalhekk żbilanċ tali li l-prinċipju tal-equality of arms ġie mittiefes. Din l-eċċezzjoni ngħatat a tenur tal-artikolu 449(1)(b) tal-Kap 9 limitatament għal żball fl-Att al-Akkuża u s-subartikolu (g) rigwardanti kull eċċezzjoni preliminari oħra.

L-artikolu 449(1)(b) jgħid hekk:

'eċċezzjoni ta' nullita' jew ta' żball fl-att tal-akkuża'.

L-artikolu 449 (1)(g) jgħid:

'bla ħsara tad-dispożizzjoni tal-artikolu 446(1), kull eċċezzjoni preliminari oħra.'

Ikkonsidrat

Il-Qorti analizzat ir-raba' Kap tal-Att tal-Akkuża u sabet dan li ġej:

Li skont il-parti narrativa tar-raba' Kap l-akkużat kien avviċina 'numru ta' persuni' sabiex iwettqu l-omiċidju volontarju ta' Patricia Attard. Fit-tieni paragrafu tal-parti narrativa, l-Avukat Ġenerali jirreferi għal ftehim magħmul mill-akkużat ma' terzi persuni biex jitwettaq l-omiċidju ta' Patricia Attard fl-Aħrax tal-Mellieħa. Hemm spjegat ukoll li t-terza persuna kellha tistenna ħdejn il-vettura waqt li l-akkużat kellu jimbotta lil Patricia Attard għal isfel. Dan ma seħħx għax Patricia Attard ma resqitx lejn xifer l-irdum.

Fit-tielet paragrafu l-Avukat Ġenerali jgħid ta' xhiex Josef Grech sar ħati wara li kien espona l-fatti fil-parti narrativa. Huwa jgħid li l-akkużat sar ħati ta'assoċjazzjoni ma' persuni biex jitwettaq delitt, jgħid ukoll x'inhu dan id-delitt u jgħid li dan id-delitt ma kienx esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tal-ħati.

Fir-raba' paragrafu l-Avukat Ġenerali jgħaddi għall-akkuża formali billi jsemmi l-assoċjazzjoni ma' persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jsir delitt – il-qtil jew li tpoġġi l-ħajja ta' persuan f'perikolu ċar – t-tentattiv (li wera dan il-ħsieb b'atti esterni liema delitt ma kienx esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tal-ħati.

Fl-eċċezzjoni sollevata mill-akkużat l-enfasi qegħda fuq li t-terzi persuni mhux imsemmija.

Issa l-artikolu 589 tal-Kap 9 jelenka x'għandu jkun fih l-att tal-akkuża. Fis-subparagrafu (ċ) jgħid hekk:

'(ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikolaritajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha, li skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu ikabbru jew inaqqsu l-piena.'

Fil-feham tal-Qorti dan il-paragrafu b'ebda mod ma jistipula li bilfors iridu jissemmew il-persuni involuti

b'isimhom kif qed jippretendi l-akkużat. L-Avukat Ġenerali semma kemmm iż-żmien kif ukoll il-lok li fihom allegat li sar il-fatt (Bejin it-13 u l-14 ta' Frar 2004; bil-lejl; l-Aħrax tal-Mellieħa) u l-fatt li allegat sar. Hemm dettalji biżżejjed biex l-akkużat jaf x'inhi sewwa l-akkuża. Il-Qorti ma qed tarriviża ebda perikolu li l-akkużat ma jafx biex qed ikun akkużat jew li hawn xi kwistjoni dwar xi nuqqas ta' equality of arms.

Għaldaqstant il-Qorti ma qed issib ebda mankanza fl-Att al-Akkuża u konsewentement qed tiċħad l-eċċezzjoni mmarkata (A) tal-akkużat.

**Ir-Raba' Eċċezzjoni**

Fil-qosor l-akkużat qed jgħid li x-xhud Martin Zammit ippreżenta dokumenti li ma kienx awtorizzat li jippreżenta.

Barra dan ix-xhud Alan Zammit iddepona in konnessjoni biss mad-dokumenti ippreżentati minn Martin Zammit.

Di piu' Denise Formosa Gruppetta ppreżentat id-dokumenti FX1, FX2, FX3 u FX4.

Anthony Bonnici ppreżenta dok ABY.

L-akkuża jissottometti li :

'Operatur tat-telefonija jkun jista' jagħti informazzjoni in konnessjoni ma' dettalji pertinenti ma' linja telefonika partikolari anke fil-mori ta' investigazzjoni, jinħatieġ li l-Maġistrat responsabbli mill-In Genere jawtorizza tali għtoja ta' informazzjoni anke fil-mori tal-investigazzjoni jew minflok il-Maġistrat Istruttur, ma tista' tinġieb l-ebda prova in konnessjoni ma' telefonija jek tali prova ma tkunx legalment approvata qabel ma itnġieb mill-Maġistrat kompetenti.'

'L-informazzjoni miġjuba 'l quddiem mix-xhieda msemmija ma tikkombaċċjax mal-ordnijiet mogħtija mill-Maġistrat li

mexxa l-In Genere u qatt ma ġie mitlub il-Maġistrat Iastruttur li jawtorizza tali esibir ta' dokumenti.'

Dwar din l-eċċezzjoni ppreżentaw nota ż-żewġ partijiet u l-Avukat Ġenerali ippreżenta Nota fil-qasir li fiha prattikament għamel referenza għan-Nota tiegħu li kien ippreżenta fil-11 ta' Marzu 2010.

L-Avukat Ġenerali ssottometta li l-Kap 440 jistipola li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Att ma japplikawx għall-każ stante l-inapplikabilita' tal-Att espressa fl-artikolu 5(b) għall-attivitajiet tal-Istat fil-kamp tal-Liġi Kriminali.

Ix-xhieda taw ix-xhieda tagħhom fil-parametri tal-awtorizazzjoni tal-Qorti. Mill-proces verbal jirriżulta li kemm il-Vodafone kif ukoll il-Maltacom kienu 'awtorizzati' sabiex ifornu informazzjoni lill-Pulizija in konnessjoni man-numru tal-linja ċellulari 79310685. Il-Maġistrat Inkwirenti awtorizza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jottjeni l-call profiles tan-numri 79285147 u 99834857.

Martin Zammit huwa s-Senior Executive Engineer fil-GO Mobile.

Alan Zammit huwa l-persuna responsabbli mid-Database.

Id-dokument MZ huwa elenku tal-localisations.

Id-dokument MZ1 huwa s-site plans ta' fejn sar l-localisations.

Denise Formosa Gruppetta esibiet dokumenti li huma elenku tat-telefonati li jinvolvu ċ-ċellulari 99834857 filwaqt li Anthony Bonnici huwa d-Data Protection Co-ordinator ta' Mobile Communications.

Ix-xhieda taw informazzjoni mitluba mill-Pulizija u awtorizzata mill-Maġistrat Inkwirenti u li ma tmurx oltre dak li awtorizza l-Maġistrat Inkwirenti. (Ara nota tat-2 ta' Mejju 2011).

L-akkużat wieġeb billi elenka x'awtorizza l-Maġistrat fl-In Genere. Imbagħad ssottometta la l-Maġistrat Istuttur u lanqas il-Maġistrat li mexxa l-In Genere ma ta xi awtorizzazzjoni sabiex ikunu ppreżentati tali dokumenti.

L-akkużat irrefera wkoll r-regolament 19(3) tal-Avviż Legali 16 tas-sena 2003 li jesiġi li 'Talba għal data issir bil-miktub u tkun ċara u speċifika.'

Dwar din l-aħħar sottomissjoni tal-akkużat, l-Avukat Ġenerali qal li r-regolament 19(3) tal-imsemmi Avviż legali żdied bl-Avviż Legali 198 tas-sena 2008 u daħal fis-seħħ fid-29 t'Awwissu 2008. Għalhekk dak li kien irieġi fiż-żmien in kwistjoni kien l-artikolu 5(b) tal-Kap 440.

Ikkonsidrat

Dawn l-argumenti jew sottomissjonijiet kollha jistgħu jingħasru fi ftit kliem. L-akkużat qed jisħaq li l-informazzjoni mogħtija minn ċerta xhieda ma tikkombaċċjax ma' dak li kien awtorizzat mill-Maġistrat Inkwirenti u li ebda Maġistrat ma ta xi awtorizzazzjoni sabiex ikunu ppreżentati tali dokumenti.

L-ewwelnett l-informazzjoni żgur qegħda fil-parametri mogħtija mill-Maġistrat li jaġixxi fuq talba speċifika li tkun saret mill-uffiċjal investigattiv. Aktar milli jawtorizza l-Maġistrat Inkwirenti **jordna li jingħata t-tagħrif. Hawn qegħdin fil-kamp Kriminali u mhux dak Ċivili u fejn il-Leġislatur ħaseb apposta sabiex il-kunfidenzjalita' li jagħti l-Kap 440 ma tkunx tapplika fejn qed issir investigazzjoni kriminali.**

**L-Ordni tal-Maġistrat Inkwirenti huwa miftuħ għal dak kollu li jista' jirriżulta mit-tagħrif miksub li għandu x'jaqsam mat-telefon jew telefoni ċellulari. Kemm id-difiża u kemm il-Prosekuzżzjoni semmew l-istess numri.**

Għalhekk il-Qorti mhix qed tara kif ix-xhieda jew id-dokumentazzjoni ppreżentata tista' b'xi mod titqies bħala

ma tikkombaċċjax mal-ordni. Hawn id-difiża qed ma spjegat fhiex jikkonsisti n-nuqqas ta' qbil mal-ordni iżda baqgħet vaga għall-aħħar.

Id-Difiża llamentat in-nuqqas ta' awtorizzazzjoni da parti ta' xi Maġistrat biex tingħata x-xhieda mill-persuni msemmija jew li jippreżentaw id-dokumenti.

Bir-rispett kollu, ma kien hemm ebda bżonn ta' xi awtorizzazzjoni oħra ġaladarba l-Maġistrat Inkwirenti kien ħareġ id-digriet li huwa ordni fuq innifsu li trid tkun obduta **nolens volens**. Jekk qed tingħata ordni ma hemm bżonn ta' ebda awtorizzazzjoni. Anzi jkun hemm sanzjoni għal disprezz lejn il-Qorti jekk din l-ordni ma tkunx obduta.

Barra dan id-dokumenti huma r-riżultat tal-ordni li ġġorr fiha mhux biss l-ordni prinċipali imma wkoll dawk l-effetti konsegwenzjali li jemanaw mill-ordni.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-eċċezzjoni mmarkata (D).

Peress li ż-żewġ eċċezzjonijiet l-oħra kienu rtirati, il-Qorti mhix tieħu konjizzjoni tagħhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------